**KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL**
**Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, SPB 3411 Malta, Europe**

E-Mail: sanpawlil-bahar.lc@gov.mt Tel: 21585888 - 1 / 2 / 3 / 4

---

9 Leġiżlatura

Minuti Numru 50

Laqgħa tal-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar

Lill-membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għall-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru 50 li ser tinżamm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 21 ta' LuLju 2022, fil-5:30pm. Din il-laqgħa tista tiġi segwita permezz ta' metodu onlajn skont l-Artiklu 1 ta' Direttiva 7/2020 u Artiklu 2.3 ta' Ċirkolari 9/2020 maħruġa mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali fil-15 ta' Diċembru 2020.

Din il-laqgħa ser tixxandar live fuq l-internet u hi miftuħa għall-pubbliku.

Marico Sammut — 14 ta' Lulju, 2022
Segretarju Ezekuttiv

---

Membri Preżenti:

- Alfred Grima — Sindku
- Daryl Connor — Kunsillier
- Paul Bugeja — Kunsillier
- Anthony Delia — Kunsillier
- Antoinette Bezzina — Kunsillier
- Christopher Vella Petroni — Kunsillier
- Mary Borg — Kunsillier

Online

- Anne Marie Fenech — Kunsillier
- Anthony Angelo Attard — Kunsillier
- Carlos Zarb — Viċi Sindku
- Stephen Cremona — Kunsillier
- Mario Joseph Salerno — Kunsillier

Skużat

- Alfred Bray — Kunsillier

Il-laqgħa nfetħet mis-Sindku Alfred Grima fil-17.30.

**50.1 Qari ta' ittri ta' apoloġija**

Il-kunsill irċieva notifika ta'apoloġija mingħand il-Kunsillier Alfred Bray.

**50.2 Kunsiderazzjoni ta' minuti**

*50.2.1 Laqgħa Numru (46)*

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 46.
Il-Kunsillier Antoinette Bezzzina issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 46 hekk kif tressqu

*50.2.2 Laqgħa Numru (47)*

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 47.
Il-Kunsillier Paul Bugeja issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 47 hekk kif tressqu

*50.2.3 Laqgħa Numru (48)*

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 48.
Il-Kunsillier Mary Borg issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 48 hekk kif tressqu

*50.2.4 Laqgħa Numru (49)*

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija
Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni għal approvazzjoni tal-minuti 49.
Il-Kunsillier Anne Fenech issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva l-minuti tal-laqgħa 49 hekk kif tressqu

**50.3 Punti mill-Minuti**

- **Każ G.Kimber vs Kunsill Lokali SPB u Hotel San Antonio**

  Wara li ntilef l-appell f'dan il-kaz li seħħ fl-2001 (citazzjoni 833/2005), il-Kunsill qabel li ma jagħmilx sens finanzjarju li jittieħdu passi legali fil-konfront tal-kumpanija nkwistjoni.

  Il-Kunsillier Paul Bugeja, ex-Sindku fiz-zmien ta' l-inċident inkwissjoni, informa, li dak iż-żmien ma kienx meħtieġ li wieħed jagħmel permess il-kunsill biex isiru xi xogħolijiet. Jiċħad kategorikament, li hu kien qal li l-kunsill kien jaf bix-xogħolijiet li kienu qed isiru mill-privat li kienu l-kawża ta' l-inċident kif intqal. Ippropona, li l-kunsill jikteb ittra lill-kumpanija DB San Antonio fejn fiha jingħad, li l-kunsill lokali ta' San Pawl il-Baħar weħel ammont sostanzjali ta' flus intortament u kaġun ta' xogħolijiet li kienu qedin isiru mill-lukanda tagħhom.
  Il-Kunsill approva is-suġġeriment.

- **Kontenituri ta' l-iskart** (laqgħa 46)
  Il-kunsill ġie nfurmat li l-kontenituri ta' l-iskart max-xatt ta' Buġibba bdew jinbidlu.

- **Devoluzzjoni ta' bozoz tat-toroq** (laqgħa 46)
  Saret referenza dwar li fil-laqgħa 46 kienet ġiet ippreżenta korrispondenza li għaddiet bejn id-DLG u r-Reġjun Tramuntana dwar il-bozoz tat-toroq. Dan b'referenza għall-ftehim li ġie milħuq bejn l-AKL u l-Enemalta. Huwa mifhum li l-ftehim jagħti dritt lill-Enemalta li tipprovdi dawl ekoloġiku u effiċjenti (green) fiż-żoni pubbliċi kollha f'Malta. Kif ukoll li żżid, tinstalla, tneħħi u/jew tbiddel kull lampa pubblika kif neċessarjament meħtieġ. Jingħad ukoll, li l-istess entita ngħatat id-dritt li tuża toroq u żoni pubbliċi kollha, inkluż dawk li jaqaw taħt ir-risponsabilita tal-kunsilli, li tgħaddi s-servizzi tagħha minhom kif meħtieġ. F'każi fejn id-dwalijiet u l-infrastruttura taqa' taħt il-kompetenza tal-kunsilli, ir-rappreżentant awtorizżat indikat fil-ftehim, għandu dejjem jaġixxi fuq struzzjonijiet u/jew approvazzjoni tal-kunsill rispettivament. Qed jingħad, li l-ebda piż finanzjarju ma huwa se jagħddi fuq il-kunsilli lokali.Intqal ukoll, li fil-preżent it-tender huwa skadut u li r-Reġjun Tramuntana ntalab mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali biex ma tinħareġ l-ebda sejħa pubblika.

  Il-Kunsill qabel li tintbagħt korrispondenza lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali, lill-President ta' l-AKL lir-Reġjun u lis-Segretarju Parlamentari tal-Kunsilli Lokali fejn fiha jinforma, li l-Kunsill Lokali ta'San Pawl il-Baħar ma tagħa l-ebda awtorizżazzjoni li xi ħadd jitkellem u/jew jiffirma xi ftehim f'ismu, hekk kif jidher li seħħ f'dan il-każ.

  Għaldaqstant, il-kunsill qed jifhem, li l-fatt li ma naghtat l-ebda'awtorizżazzjoni, jagħti dritt lill-istess kunsill li jkun hu stess bħala entita' awtonima, li jiddeċiedi jekk jappoġġjax dan il-ftehim jew inkella li tinħareġ sejħa pubblika mill-ġdid indipendentament jew mar-Reġjun Tramuntana.

  Il-Kunsill ifakkar, li fil-preżent it-tender huwa skadut b'xhur, u dan ma jimxiex pari passu ma l-obligi finanzjarji ta' kull kunsill.

- **Ingaġġ ta' Skrivani skala 15 notch 3** (laqgħa 47)
  Waħda miż-żewg persuni magħżula biex jiġu ngaġġati mill-kunsill fi skal 15 bl-inizjali MA, infurmat li bidlet il-ħsieb tagħha u se tibqa fl-impjieg li għandha fil-preżent.

- **SPB/03/2021 Tranġar tal-gallarija ta' Triq San Franġisk.** (laqgħa 48)
  Il-kunsill approva li l-kumpanija tal-Periti DTR tibqa risponsabbli għas-sorveljanza tax-xogħolijiet marbuta mal-manutenzjoni tal-gallarija skond tender SPB/03/07/2022 dan minkejja li skadilhom il-kuntratt mal-kunsill. Din id-deċiżżjoni ġiet meħuda fid-dawl li DTR kienu risponsabbli mill-bini ta' l-istess gallarija nkwistjoni kif ukoll għall-fatt li ħadmu fuq il-ħruġ ta' spesifikazzjonijiet marbuta mas-sejħa pubblika SPB/03/07/2022.

- **Karnival 2022** (laqgħa 49)
  Id-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali (DLG) reġaw talbu xi kjarifiki.

### 50.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

- **Meter ta' l-ilma latrina pubblika Sirens**
  20 ta' Lulju 2022, ġie nnutat li l-meter ta' l-ilma tal-latrina ta' Triq San Ġeraldu kien qiegħed jagħmel l-ilma u għalhekk intalbet l-assistenza tal-Korporazzjoni ta' l-ilma. Rapprezentant tal-kumpanija qal, li l-meter ma huwiex irreġistrat. Il-kunsill informa verbalment li l-meter huwa l-istess wieħed li kien installat fil-latrini pubblika preċidenti li kienet titmexxa mill-gvern ċentrali u għaldaqstant kull mistoqsija għanda tiġi ndirizzata lilhom.

- **Nota ta' riżenja minn skrivana (L.F) skala 15**

Fit-18/07/2022 il-kunsill irċieva riżenja mingħand lis-skrivana b'inizzjali L.F. fi skala 15 minħabba li skond hi se tibda mpjieg ġdid b'paga ferm għola minn dik li fil-preżent għandha.

- **Urban Jungle – Basketball Court Sponsor**
  Is-Sindku Alfred Grima nforma li wara diskussjoni li kellu ma rappreżentant tal-kumpanija Urban Jungle f'Malta huma urew interess li jidħlu f'koloborazzjoni mal-kunsill biex għas-spejjeż tagħhom jiżbaw l-art ta' pitch tal-baskitbol fil-lokalita'u jgħinu fil-manutenzjoni meħtieġa. Għal dan il-għan, fl-14 ta' Lulju 2022 inżammet laqgħa bejn il-kumitat tal-Bognor ASC, rappreżentant tal-kumpanija Urban Jungle f'Malta u s-Sindku u l-Viċi Sindku tal-kunsill. Kien hemm qbil dwar il-kunċett, u li jinżammu aktar taħdidiet.

- **Ċentru ta' matul il-jum**
  Il-kunsill approva l-ħlas ta' 60 euro biex Elvis impersonator jagħti servizz fiċ-Ċentru ta' matul il-jum f'għeluq l-anniversarju mill-ftuħ uffiċċjali taċ-ċentru.

- **Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2022- Cleanup The World Campaign 2022**
  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex il-kunsill jipparteċiepa fil-Cleanup The World Campaign 2022. Issuġġerixxa, li l-Viċi Sindku u l-Kunsillier risponsabbli mill-indafa pubblika jingħataw l-inkarigu biex iressqu proposti ta' attivitajiet marbuta mas-suġġett kif ukoll biex tiddaħħal l-applikazzjoni skond Ċirkulari Numru SPI/SCI/07/2022.
  Il-Kunsillier Chris Vella Petroni issekonda l-mozzjoni.
  Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

- **Ċirkolari Spi/Sci/08/2022 - Milied 2022**
  Is-Sindku Alfred Grima ressaq mozzjoni biex għal darba oħra l-kunsill jorganizza attivitajiet marbuta mall-Milied u biex tiddaħħal applikazzjoni skond Ċirkulari Spi/Sci/08/2022.
  Il-Kunsillier Daryl Connor issekonda l-mozzjoni.
  Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

- **Cirkolari AKL 2022/064 Group Life Policy - Membri Eletti**
  Il-kunsill approva li jsiru l-ħlassijiet neċessarji marbuta mal-polza ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tal-membri eletti tal-kunsill.

- **Talba għal għajnuna**
  Id-Djakonija fi ħdan il-Knisja tal-Qawra għamlu rikjesta biex il-kunsill ikopri spiża ta'€6,000 biex għalliema jagħlmu lir-refuġjati Ukreni l-lingwa Ingliża. Infurmaw li klassijiet għandhom.

  Is-Sindku Alfred Grima qal li f'Ottubru 2022 jibdew il-lezzjonijiet tal-Lifelong Learning. Għaldaqstant ressaq mozzjoni biex il-kunsill jagħmel tajjeb għar-reġistrazzjoni ta'€34 ta' kull applikant/a Ukren/a li waslu Malta fis-sena 2022 sa massimu ta' 100 ruħ. Dan kemm il-darba jattendu 75% jew aktar tal-lezzjonijiet. Issuġġerixxa ukoll li ikun hemm baġit ta' mhux aktar minn €2,000 sabiex jekk meħtieġ jinxtara ukoll servizz ta' għalliem/a.
  Il-Viċi Sindku Carlos Zarb issekonda l-mozzjoni.

  Il-Kunsillier Paul Bugeja ressaq emenda għall-mozzjoni biex din tinkludi lir-refuġjati kollha li jiġu fl-istess perjodu ndikat. L-emenda ġiet issekondata mill-Kunsillier Anthony Delia.

Il-mozzjoni nkluż l-emenda ġew approvata nem.con.

**50.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma saret l-ebda mistoqsija.

**50.6 Rapporti / jew Approvazzjonijiet ta' Rapporti**

*Quarterly Financial Report – Perjodu 1/04/2022 – 30/06/2022*
Is-Sindku Alfred Grima stieden lil accountant tal-Kunsill, is-Sinj.R.Perici Ferrante biex tispjega u twieġeb għal xi domandi mill-Kunsilliera. Ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tieni kwart tas-sena 2022.
Il-Kunsillier Anthony Delia issekondat l-mozzjoni.
Il-mozzjoni ġiet approvata nem.con.

**50.7 Ilmenti dwar mużika għolja - Lukanda Bora Bora**

Bħala punt ta' informazzjoni s-Sindku Alfred Grima informa, li l-kunsill kienu daħħlu numru ta' ilmenti relatati ma mużika għolja ġġenerati mill-lukanda Bora Bora. Dwar dan huwa kkuntatja tlett darbiet lill-General Manager tal-lukanda nkwistjoni u meta l-ilmenti baqaw jippersistu żamm żewġ laqgħat mal-pulizija. Informa, li fl-aħħar 10 t'ijiem, hu żamm kuntatt personali ma xi residenti li kkonfermaw li l-mużika qeda tkun f'livelli aċċettabbli.

**50.8 Riklamar fil-lokalita'**

B'referenza għal Bye-Law 'Reklamar fuq Għamara tat-Toroq'is-Sindku Alfred Grima ippropona li l-kunsill joħroġ espressjoni ta' interess pubbliku biex persuna/kumpanija li tkun awtoriżżata mill-kunsill li tesebixxi, twaħħal jew tqiegħed riklami fuq għamara tat-toroq skond id-dispożizzjoni tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 tal-Bye-Laws. Dan irid iseħħ fid-dawl ta' l-avviżż legali maħruġ minn Transport Malta fl-2018 u b'rispett sħiħ lejn kwalunkwe regolamenti oħra.
Il-Kunsillier Paul Bugeja issekondat il-mozzjoni.
Il-Kunsill approva il-mozzjoni nem.con.

Il-kunsill ħatar Bord risponsabbli mir-reklamar bic-Chairperson ikun Daryl Connor u l-Kunsilliera Anthony Delia u Anne Fenech membri. .
Il-kunsill approva nem.con.

**50.9 Parkeġġ ta' l-Iskola Qawra**

ll-Bord imwaqqaf mill-kunsill kompost mis-Sindku Alfred Grima u l-Kunsilliera Paul Bugeja u Anne Fenech ippropponew it-termini u kundizzjonijiet segwenti bħala bażi għall-ħruġ ta' sejħa pubblika għall-immaniġġjar tal-parkeġġ ta' l-iskola tal-Qawra.

Il-kunsill approva nem.con dak irrakomandat. Kien hemm qbil li jekk il-proposti jintlaqaw mid-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni tinhareġ sejħa pubblika.

1. Huwa mifhum, li nvestiment inizzjali ta' madwar €50,000 + VAT huwa meħtieġ għat-tagħmir ġenerali biex jitħaddem il-parkeġġ. Hija l-fehma tal-Bord li possibilment dan l-investiment isir mill-kumpanija li tmexxi l-parkeġġ.

2. L-investiment ma għandux ikun limitat biss għal-hardware relatat ma tħaddim dirett tal-parkeġġ iżda jinkludu ukoll CCTV's, kwalunkwe estrazzjoni ta' ventilazzjoni addizzjonali meħtieġa, apparat għall-prevenzjoni kontra n-nirien, aċċess għal-persuni bi problemi ta' mobilita', ecc ecc, li jeħtieġ li jsiru mill-kumpanija li se tmexxi l-parkeġġ.

3. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar iħallas ħlas ta' ġestjoni kull xhar li tinkludi għas-servizz ta' tindif u manutenzjoni tal-parkeġġ.

4. Ir-rati tal-parkeġġ għandhom jiġu stabbiliti mill-kunsill.

5. Terminu ta' ftehim ta' 7 snin (back to back). Minn stħarriġ tas-suq instab li huwa probabli li terminu ta' anqas żmien ma jkunx vijabbli għall-kumpanija fdata mit-tmexxija tal-parkeġġ jekk ikun hemm terminu ta' żmien iqsar.

6. Il-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar joħroġ sej]a ta' l-offerti/Espressjoni ta' interess pubblika.

7. Inizjalment se jintuża biss il-parkeġġ immarkat A li jinsab fil-livell -2.

8. Garanzija bankarja hi meħtieġa.

9. Irid jiġi nstallat submeter tad-dawl.

10. L-ebda tip ta' manutenzjoni ta' vetturi ma għandu jkun permessibblifil-parkeġġ, li l-użu tiegħu jrid ikun għall-vetturi mhux kummerċjali biss.

11. Riklami jistaw jiġu esebiti mill-kumpanija li timmaniġġja l-parkeġġ, iżda r-rati jeħtieġ li jiġu diskussi separatament u miftehma mall-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar.

12. Kull dħul mill-parkeġġ għandu jgħaddi għand il-kunsill li minn naħa tiegħu jħallas miżata taż ġestjoni.

**50.10 Applikazzjonijiet ma l-Awtorita ta' l-Ippjanar**

Ma ġiet diskussa l-ebda' applikazzjoni.

## 50.11 Affarijiet Oħra

*50.11.1 Klieb fil-bajjiet*

Is-Sindku Alfred Grima issuġġerixxa li l-kunsill japprova proposta biex titressaq lill-awtoritajiet kompetenti li permezz tagħha klieb irreġistrati jitħallew jgħumu fil-bajjiet bil-blat tal-lokalita' ta' San Pawl il-Baħar matul is-sena kollha bejn 18.00 hrs u 7 am. Bis-sidien jibqalhom l-obbligi kollha li timponi i-liġi. Il-Kunsillier Anthony Delia issekonda l-proposta.

*50.11.2 Siġar għal Triq il-Mosta*

Fil- laqgħa 45 li nżammet fl-24 ta' Mejju 2022, permezz ta' item 45.14.5, il-Kunsill approva x-xiri ta'siġar taż-Żnuber għal Triq il-Mosta. Minħabba li mhux jinstabu l-ammonti neċessarji, qed jiġi propost li jitħawlu siġar oħra bil-

fjuri li jgħatu dehra ferm attraenti lid-daħla tal-lokalita'.

Is-Sindku Alfred Grima ressaq għal approvazzjoni tal-kunsill ix-xiri tas-siġar Indikati. Il-Kunsillier Mario Salerno issekonda l-mozzjoni.
Il-kunsill approva nem.con.

*50.11.3 Riklamar*

Il-kunsill approva li jsir riklam fil-pubblikazzjoni maħruġ mis- Socjeta Muzika San Pawl u l-Kumitat Festa bi prezz ta' 160 euro u 120 euro + VAT rispettivament.

**50.12 Approvazzjoni ta' kontijiet u xiri ta' oġġetti/servizzi**

*50.12.1 Smart Effects Ltd €1,030 + VAT*

Il-kunsill approva li l-kumpanija Smart Effects Ltd tagħmel xogħol b'urġenza ta' tiswija fuq is-sistema eżistenti ta' l-arja kkundizzjonata għal spiża ta'*€1,030 + VAT* .

**50.13 Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-pagamenti**

Il-Kunsilliera Paul Bugeja u Daryl Connor ipproponew u s-sekondaw rispettivament l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvata.
L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata kif tressqet nem.con.

**50.14 Aġġornament għall-laqgħa li jmiss**

Il-laqgħa ġiet fi tmiema fit-19.42 u aġġornata għat-23 ta' Awwissu 2022 fil-5.30pm.

**Approvati fit-23 ta' Awwissu, 2022**

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Grima | Marico Sammut |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |